Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 33 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Mario Tonna

Vs

Sandro (Alexander) Cassano

Illum 25 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Sandro (Alexander) Cassano detentur tal-karta tal-identita Maltija 9667 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti mghamulin fi zmenjiet differenti b' rizoluzzjoni wahda u cioe' bejn is-sena 2008 sas-sena 2010:

Kellu fil pussess tieghu karta ta' l-identita jew kien fil- pussess ta' karta tal-identita' Nru 633030M ta- persuna ohra u cioe' ta' Maria Violet Cassano u naqas li jikkonsenja l-istess karta tal- Identita' lill- awtorita awtorizzata jew lid-detentur ta' l-istess karta ta' l-identita u dan ai terminu tal- artikolu 18 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 12 tal-Kapitolu 258 tal- Ligijiet ta' Malta

U aktar talli matul l-istess perjodu ta' zmien imsemmi hawn fuq bil-hsieb li jqarraq jew jikser l-istess dispozizzjonijiet jew jaghmel xi dikjarazzjoni falza jew bil-hsieb li jghati xi taghrif falz jew jipproduci document falz zamm fil-pussess tieghu limsemmija karta ta' l-identita imsemmija fl-ewwel akkuza u dan ai terminu tal- artikolu 18 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 14 tal- Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli gewwa il- Floriana u diversi postijiet ohra fil- gzejjer ta' Malta nhar is-6 ta' Jannar 2009 u fi zminijiet ta' qabel iffalsifika att awtentiku u pubbliku, jew skrittura Kummercjali (u cioe' log book ta' vettura CAT408) b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zid, jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ai terminu tal-artikoli 183 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess dati lok u taht l-istess cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att kitba jew skrittura falza u/jew ta dikjarazzjoni falza u ghamel uzu mill-istess skrittura imsemmija fl-akkuza ta' qabel din ai terminu tal- artikolu 184, 185 186, 187 u 188 tal- kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti għal dawn il-motivi u magħmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet l-imputat Sandro Cassano ma setgħax jinstab ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkużi stante li ma ġewx ippruvati iżda a rigward it-tielet (3) akkuza u wara li rat l-Artikolu 184, 185 (2), 186 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Alessandro (Sandro) Cassano hati ta' din l-akkuza biss u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatu ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Sandro (Alexander) Cassano, prezentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-31 ta' Jannar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u konsegwentament illiberatu.

(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bl-akbar rispett l-Onorabbli Qorti ma setghetx issib lill-esponent hati tat-tielet il-imputazzjoni.

It-tielet imputazzjoni titratta l-falsifikazzjoni tal-log book. Kienet l-Onorabbli Qorti stess, li fis-sentenza taghha ddikjarat li minn analizi u komparazzjoni tal-firma huwa wisq improbabli li kien hu li ffalsifika l-firma u ghaldaqstant l-esponent ma jista qatt jigi ikkundannat li materjalment iffalsifika id-dokument pubbliku ossija log book meta huwa ittrasferixxa l-karozza f' isem ommu u lanqas li kien komplici fl-istess falsifikazzjoni.

Fir-rapport taghha, l-espert kaligrafiku Dr Juliana Scerri Ferrante tiddikjara li l-firma fuq il-log ta' Violet Cassano ma kinitx taghha, izda minn analizi u komprazzjoni tal-firma tal-esponent Sandro Cassano huwa wisq improbabli li kien hu li ffalsifika din il-firma u ghaldaqstant ma kienx hu li ffalsifika l-log book.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-esponenti ma′ tax dikjarazzjoni falza.

Fix-Xhieda tieghu l-esponenti kien konsistenti u nsista li kienet ommu li ffirmat il-log book filwaqt li l-espert kaligrafiku ma kinitx f′ pozizzjoni li tikkonferma b′ certezza li l-firma ma hijix t′ omm l-esponent anzi stqarret li l-konkluzjoni taghha hija bbazata fuq opinjoni suggettiva.

Bl-akbar rispett, il-konkluzjoni tal-espert hija tali li ghandha tkun ikkunsidrata "to a balance of probability" u per konsegwenza ma tistax tinkwadra ruhha bhala prova minghajr dubju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghad ghal fatt li fix-xhieda taghha l-espert tghid: "Normalment tiffirma hekk".

Generalment kulhadd jiffirma l-istess izda jkun hemm cirkostanzi kif indikat l-espert stess li jwasslu sabiex persuna ma tibqax tiffirma l-istess. F′ dan il-kaz, omm l-esponenti mara mdahhla sew fiz-zmien u tbati mill-mard tax-xjuhija kif tghid Dr Scerri Ferrante stess fix-xhieda taghha seta′ jwassal sabiex omm l-esponenti ma baqghetx tiffirma l-istess.

Bl-akbar rispett l-esponenti mhux biss dejjem cahad li kien involut f′ xi irregolarita′ izda fuq kollox huwa kellhu fil-pusses tieghu prokura generali valida li kienet amministratlu ommu stess sabiex jamministra l-beni kollha taghha u ghaldaqstant huwa seta′ jitrasferixxi l-vettura t′ ommu minghajr il-htiega li xjentement jaghmel uzu minn dokument falz.

Ikkunsidrat;

Rat li quddiem l-Ewwel Qorti kienu xehdu l-Ispettur Mario Tonna, Stephen Cachia, George Saliba in rappreżentanza tal-Uffiċju Elettorali, Yassine Ahmed, Martin Cassano, Bernardette Gatt, WPC100 Lorraine Mifsud, PS 564 Jeffrey Schembri, in-Nutar Anthony Grech Trapani, in-Nutar Edward Flores u Dr Juliana Scerri Ferrante.

Quddiem l-Ewwel Qorti xehed ukoll l-Imputat Sandro Cassano.

Illi permezz tas-sentenza datata t-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-Ewwel Qorti wara l-kunsiderazzjonijiet tagħha, fil-parti dispositiva qalet hekk:

*'Illi ghal dawn il-motivi u maghmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet l-imputat Sandro Cassano ma jistghax jinstab hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi stante li ma gewx ippruvati izda a rigward it-tielet (3) akkuza u wara li rat l-Artikolu 184, 185(2), 186 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Alessandro (Sandro) Cassano hati ta' din l-akkuza biss u bl-applikazzjoni tal- Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2).*

*Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l- ordni ma tigix obduta.'*

Għalkemm l-appellant ma ressaq ebda aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, il-Qorti osservat illi għalkemm l-appellant kien akkużat b'erba' akkużi, skont il-parti disposittiva, huwa ġie liberat mill-ewwel żewġ akkużi u misjub ħati tat-tielet akkuża u dan mingħajr ma ssemmiet ir-raba' imputazzjoni f'din il-parti disposittiva.

In oltre, fost kunsiderazzjonijiet oħra, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha kkunsidrat is-segwenti:

*'Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, jirrizulta illi ghalkemm l-imputat Sandro Cassano qatt ma jista' jigi kkundannat li materjalment iffalsifika dan id- dokument pubbliku ossija log book meta huwa ttrasferixxa l-karozza f'isem ommu u l-anqas li kien komplici fl-istess falsifikazzjoni ghaliex l-Artikoli tal- Avukat Generali ma jikkontemplawx ghal dan il-fatt, pero' l-imputat kien jaf li dan id-dokument kien iffalsifikat minn terzi.'*

Illi t-tielet akkuża taqra s-segwenti:

*'U aktar talli gewwa il-Floriana u diversi postijiet ohra fil-gzejjer ta' Malta nhar is-6 ta' Jannar 2009 u zemnijiet ta' Qabel iffalsifikajt att awtentiku u pubbliku, jew skrittura Kummercjali ( u cioe' log book ta' vettura CAT408) b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet disposizzjonijiet jew obligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhalt dawn il-pattijiet disposizzjonijiet jew obbligi jew helsien minn obbligi f' dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zidt, jew biddilt klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ai termini tal- artikoli 183 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta'*

Filwaqt li r-raba' akkuża taqra: *'U aktar talli fl-istess dati lok u taht l-istess cirkostanzi*

*xjentement ghamilt uzu minn att kitba jew skrittura falza u/jew tajt dikjarazzjoni falza u ghamilt uzu mill-istess skrittura imsemmija fl-akkuza ta' qabel din ai terminu tal- artikolu 184, 185 186, 187 u 188 tal- kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta'*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li minkejja li fil-kunsiderazzjoni tagħha, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-appellant qatt ma jista' jiġi kkundannat li materjalment iffalsifika id-dokument pubbliku, fil-parti dispositiva hija sabet ħtija tat-tielet akkuża iżda ċċitat artikoli li jirrigwardaw ir-raba' akkuża u dan mingħajr dikjarazzjoni ta' ħtija o meno tar-raba' akkuża.

Għaldaqstant, din il-Qorti sejra *ex officio* tikkunsidra jekk dan in-nuqqas iwassalx għan-nullita tas-sentenza appellata. L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*'.

Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Trevor Micallef) Vs Omissis Benjamino Camilleri'</u>**[1]:

'*Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-Sentenza appellata, ssib illi verament l-Ewwel Qorti ddikjerat illi qieghda ssib lill-appellant hati mighajr ma tispecifika ghall- liema mputazzjonijiet qieghda tiddikjara dan, pero' mbaghad meta giet biex tinfliggi l-multa, ddikjarat illi dana qed taghmlu ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet. Fil-fatt irrizulta tliet imputazzjonijiet u ergo, fejn f'nifs il- Qorti qieghda tiddikjara lill-appellant hati prezubilment ghat-tliet imputazzjonijiet qieghda tikkundannah biss ghal tnejn. L-artiklu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-Sentenza, "Ghandha tghid il-fatt illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artikli ta' dan il-Kodici jew ta' kull* Ligi *ohra li jkun ikkontempla dan ir-reat." Ovjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti illi taghhom l-appellant ikun gie misjub hati dana jfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjerazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa nutli illi ssemmi l-fatti, jsegwi f'kaz ta' mputazzjoni multipla illi l-Qorti jew taghti piena wahda komplessivament jew inkella ssemmi*

[1] Deżiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 (Appell numru. 109/2011)

*wahda wahda l- imputazzjonijiet u taghti l-piena skont il-kaz. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni konfuzjonarja fejn f'nifs il-Qorti qed tiddikjara lill-appellant hati u fl-iehor qieghda tikkundannah ghal zewg imputazzjonijiet minghajr ma tiddikjara x'qieghda taghmel bit-tielet imputazzjoni. Bir-ragun, l- appellant ma jistax jitqieghed fis-sitwazzjoni ta' ncertezza minghar ma jkun jaf ta' xiex qed jinstab hati u ta' xiex qed jigi kkundannat l-emmenda. F'pozizzjoni bhal din twassa ghan-nuqqas ta' formalita sostanzjali u l-ewwel Sentenza hija suggetta ghal censura ghan-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' xiex l-akkuzat qed jinstab hati (ara Il-Pulizija vs Joseph Agius appell kriminali 15 ta'Marzu, 2012). Ghalhekk peress illi s-Sentenza appellata hija karenti minn dan l- element l-ewwel aggravju ta' l-appellant jimmerita konferma.'*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'**[2]:

*'Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l- Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex issemmi l- artikoli ghaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, minghajr ma ddikjaratu hati tal-akkuzi illi gew dedotti kontra tieghu.*

*L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid testwalment illi meta l-Qorti taghti sentenza kontra imputat ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi li tkun tikkontempla r-reat.*

*Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.*

*Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi'*

Kif ġie kkunsidrat is-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) Vs Stephen Bonsfield'**[3]:

---

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru. 171/2011)
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali Numru. 327/2005)

'*Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm "passim" fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall- artikoli citati mill-Qorti bhala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti "ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati", dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Brown'**[4] ġie kkunsidrat li:

'*F'dan il-kaz mhuwiex car ghal x'hix l-emmenda ta' mitt lira qeghda tigi addebitata, jekk huwiex ghat-tieni akkuza li tellef il-gieh ta' Davinia Galea u weggagha bi kliem b'gesti jew b'xi mod iehor jew inkella ghat-tielet akkuza li remgha z-zibel f'post pubbliku.*

*L-Ewwel Qorti ma ppronuncjatx ruhha dwar din it-Tielet akkuza, ghad li rreferiet ghall-artikolu 4 tal-Avviz Legali 344/2005 meta giet biex erogat il-piena.*

*Ma hemmx dubju illi dan l-izball jwassal ghan-nullita` tas- sentenza.*

*Kif qalet il-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Mario Agius***[5] *"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

*Dan iwassal ghan-nullita` tas-sentenza w kwindi ghandha terga` tinstema mill-gdid.*

*Ghalhekk din il-Qorti mhihix sejra tittratta t-tieni aggravju tal-Avukat Generali w cioe` illi l-Ewwel Qorti erogat piena illi hija ferm anqas minn dik li stabbilit il-Ligi, sabiex dana jigi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti meta tkun qeghda tittratta l-kawza mill-gdid.*'

---

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 2012 (Appell Kriminali Numru. 307/2010

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar 3 ta' Frar 1995

Ikkunsidrat,

Illi l-**artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9** tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*'Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.'*

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza, l-Ewwel Qorti tat x'tifhem li ma kinitx ser issib l-appellant ħati tal-ewwel tlett akkużi iżda kienet ser isib ħtija tar-raba' akkuża iżda fil-parti disposittiva, il-Qorti għalkemm semmiet l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw r-reat taħt ir-raba' akkuża, sabet ħtija tat-tielet akkuża mingħajr ma semmiet ir-raba' akkuża. Filfatt il-parti disposittiva ssemmi tlett (3) mhux erba' (4) akkużi. Il-fatt li ma jirriżutax ċar jekk l-appellant instabx ħati tat-tielet akkuża, tar-raba jew tat-tnejn li huma, minnu nnifsu jġib in-nullita tas-sentenza appellata ai termini tal-artikolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta. Liema nullita' qiegħda tqajjimha din il-Qorti *ex officio*.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-"*doppio-esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata u deċiza mill-ġdid skond il-liġi u dan minkejja li din il-Qorti tista' tghaddi biex titratta il-mertu tal-kawza hija stess.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef